Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 33/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ġimgħa, 19 t' April 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Online
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Skużat
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Online
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

33. 1 Ittri ta' Apoloġija

33.1.1 Il-President semma li fl-aħħar ħin diversi Sindki talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu skużati.

33.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 32

33.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 32 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

33.2.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Joseph Abela Galea il-minuti ġew approvati kif preżentati.

33.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 28

33.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attrard u s-Sur Joseph Abela Galea ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Marzu u 19 t' april 2024 li kienet tammonta għall-€251,448.29.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

33.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2024

33.4.1 Il-President ta ħarsa lejn ir-rapport Finanzjaru kif preżentat. Semma li għal darb' oħra r-Reġjun qed jagħlaq b'deficit minħabba li għad m'hemmx il-kuntratti kollha li suppost saru biex jinġabru lura spejjeż relatati ma' ġbir ta' skart riċiklabbli u ħġieġ. Il-President semma li qed jittama li dan id-deficit jiġi newtralizzat fit-Tielet Kwart tas-sena finanzjarja 2024 wara li n-negozjati mal-PROs ikunu lesti u anki d-Diviżjoni tkun għalqet dak kollu li hemm pendenti fuq ħlasijiet tal-VAT u ġbir ta' skart kummerċjali.

33.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, ir-Rapport kien approvat kif preżentat.

33.5 Punti oħrajn

33.5.1 Ġbir ta' skart imħallat

Il-President spjega li r-Reġjun analizza l-piżijiet li deħlin mill-Wasteserv u jidher li kien hemm varjazzjoni kbira aktar matul ix-xahar ta' Marzu f'dak li huwa ġbir ta' skart imħallat. Ir-Reġjun talab laqgħa mal-kuntrattur u l-kolletturi sabiex jaraw dawn il-figuri u anki jindirizzaw xi problemi oħra li għad hemm.

33.5.2 LESA Enforcement Fund

Il-President semma li r-Reġjun għandu €50,000 għat-tieni sena ta' din l-iskema u kien hemm qbil bejn dawk preżenti li kull Kunsill Lokali jiġi allokat €4,500.

33.5.3 Proposta Kulturali 2024 – Kunsill Lokali Fgura u Kunsill Lokali Belt Valletta

Il-President semma li r-Reġjun irċieva proposta għall-attivitajiet tal-Milied ġewwa l-lokalita' tal-Fgura, kif ukoll attivita' ta' kor ġewwa l-Belt Valletta. Fuq proposta tal-President dawn l-attivitajiet ġew approvati sabiex jibbenifikaw mill-fond ta' attivitajiet kulturali tar-Reġjun.

33.5.4 Sea Clear Project

Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed japplika għall-proġett Sea Clear sabiex issir database tal-qiegħ tal-baħar ġewwa l-Port, issir Clean Up tal-baħar kif ukoll attivitajiet oħra informattivi. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard kien hemm qbil li r-Reġjun ikompli b'din l-applikazzjoni.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

33.5.5 Cultural Manager

Il-President semma li s-sejħa nħarġet internament u m'applika ħadd għaldaqstant, issa ser jitkompla l-proċess mal-Jobsplus.

33.6 Aġġornament

33.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta ta' sebgħa ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv